KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fis-16 ta' Marzu 2016 [1]

**Kawża C-134/15**

**Lidl GmbH & Co. KG**
**vs**
**Freistaat Sachsen**

[Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Sächsisches Oberverwaltungsgericht (Il-Qorti Amministrattiva Superjuri ta' Sachsen, il-Ġermanja)]

"Regolament tal-Kummissjoni Nru 543/2008 — Standards ta' kummerċjalizzazzjoni għal-laħam tat-tjur — Validità tal-Artikolu 5(4)(b) — Laħam tat-tjur frisk ippakkeġġjat minn qabel — Obbligu li jiġi indikat il-prezz totali u l-prezz għal kull unità ta' toqol fuq l-ippakkeġġjar minn qabel jew fuq tikketta mwaħħla miegħu fl-istadju ta' bejgħ bl-imnut — Artikoli 15(1) u 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali — Libertà li tiġi eżerċitata attività professjonali magħżula b'mod liberu — Libertà ta' impriża — Proporzjonalità — Artikolu 40(2) TFUE — Nondiskriminazzjoni"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-validità tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 [2], li jistabbilixxi obbligu ta' tikkettjar għal laħam tat-tjur frisk. Din id-dispożizzjoni tirrikjedi li fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut, il-laħam tat-tjur frisk għandu jkollu indikazzjoni tal-prezz totali u tal-prezz għal kull unità ta' toqol jew fuq l-ippakkeġġjar minn qabel jew fuq tikketta mwaħħla fuq l-ippakkeġġjar (iktar 'il quddiem "l-obbligu tat-tikkettjar").

2. Il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-obbligu tat-tikkettjar jikkonformax mal-Artikolu 15(1) u mal-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Barra minn hekk, billi l-obbligu tat-tikkettjar huwa impost biss fuq il-laħam tat-tjur frisk, iżda mhux fuq tipi ta' laħam oħrajn, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba wkoll taċċerta jekk l-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008 huwiex kompatibbli mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 40(2) TFUE.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Regolament tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur, (ĠU 2008 L 157, p. 46).

## I – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni Ewropea*

3. L-Artikolu 121(e)(iv) tar-Regolament Nru 1234/2007[3] jipprovdi li, fir-rigward tat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur, il-Kummissjoni hija intitolata li tistabbilixxi regoli ddettaljati inklużi "ir-regoli dwar indikazzjonijiet ulterjuri li għandhom jintwerew f'dokumenti kummerċjali akkumpanjanti, l-ittikkettjar, il-preżentazzjoni u l-ippubbliċċizzar ta' laħam tat-tjur intiż għall-konsumatur finali u l-isem li taħtu huwa mibjugħ il-prodott fit-tifsira tal-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2000/13/KE."

4. Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 543/2008, ibbażat fuq l-Artikolu 121(e) u fuq l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1234/2007, jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1234/2007 fir-rigward tal-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni tal-laħam tat-tjur.

5. Il-premessa 10 tar-Regolament Nru 543/2008 tipprovdi li: "[s]abiex il-konsumatur jingħata informazzjoni xierqa, ċara u oġġettiva dwar il-prodotti maħruġa għall-bejgħ u sabiex tiġi assigurata ċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' dawn ta' l-aħħar fil-Komunità, jeħtieġ li sabiex jiġi żgurat li n-normi tat-tqegħid fis-suq tat-tjur iqisu kemm jista' jkun id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 76/211/KEE tal-20 ta' Jannar 1976 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti prodotti b'imballaġġ minn qabel."

6. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 543/2008 jipprovdi li "b'żieda mal-konformità mal-liġijiet nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2000/13/KE, it-tikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar tal-laħam tat-tjur maħsub għall-konsumatur aħħari għandu jsegwi l-bżonnijiet addizjonali stabiliti fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu."

7. L-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008, li jinkorpora l-kontenut tal-Artikolu 5(3)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1906/90[4], jipprovdi li: "fil-każ tal-laħam tat-tjur ippakkjat minn qabel, id-dettalji li ġejjin iridu jidhru wkoll fuq l-imballaġġ minn qabel jew fuq tikketta bħal din tal-aħħar: [...] fil-każ ta' laħam tat-tjur frisk, il-prezz totali u l-prezz skont il-piż fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut."[5]

8. Id-Direttiva 2000/13/KE, fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel ma kien fiha l-ebda dispożizzjoni fir-rigward ta' obbligi ta' tikkettjar rigward prezz.

3 — Regolament tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU 2007 L 299, p. 1). Dan ir-regolament ġie ssostitwit mir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq fi prodotti agrikoli (ĠU 2013 L 347, p. 671). Madankollu, id-dispożizzjoni li fuqha huwa bbażat ir-Regolament Nru 543/2008, l-Artikolu 121(e)(iv) tar-Regolament Nru 1234/2007, hija fost id-dispożizzjonijiet li jibqgħu japplikaw skont l-Artikolu 230(1)(c) tar-Regolament Nru 1308/2013. Skont l-Artikolu 230(2) tar-Regolament Nru 1308/2013, referenzi għar-Regolament Nru 1234/2007 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għar-Regolament Nru 1308/2013 u għar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u jinqraw skont it-tabella tal-korrelazzjoni li tidher fl-Anness XIV għar-Regolament Nru 1308/2013.

4 — Ir-Regolament tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-standards tal-marketing għal-laħam tat-tjur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 10, p. 92) sostitwit bir-Regolament 1234/2007.

5 — Skont l-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 543/2008, "laħam tat-tjur ippakkjat bil-lest" ifisser laħam tat-tjur ippreżentat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(3)(b) tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, pg. 75). Skont l-Artikolu 1(3)(b) tad-Direttiva 2000/13, "oġġetti ta' l-ikel li diġà huma mballeġġati" ifissru "partita waħda għal preżentazzjoni bħala tali lill-konsumatur aħħari u għal 'mass caterers', li jikkonsistu fi prodott ta' l-ikel u l-imballaġġ li fih jitqiegħed qabel ma jkun offrut għall-bejgħ, sewwa jekk dan il-metodu ta' imballaġġ jagħlaq kompletament jew parzjalment il-prodott ta' l-ikel, iżda f'każ bħal dan b'metodu li l-kontenuti ma jistgħux jitbiddlu mingħajr ma jinfetaħ jew jitbiddel l-imballaġġ tal-prodott." Id-Direttiva 2000/13 ġiet sostitwita bir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (ĠU 2011 L 304, p. 18). Madankollu, l-Artikolu 2(2)(e) tar-Regolament Nru 1169/2011, iżomm mad-definizzjoni ta' qabel u jżid li l-kunċett ta' ikel ippakkjat bil-lest "ma jkoprix ikel ippakkjat fil-postijiet fejn jinbiegħ fuq talba tal-konsumatur jew ikel ippakkjat bil-lest għall-bejgħ dirett".

9. Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/6/KE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi[6], "[i]l-prezz tal-bejgħ u l-prezz ta' unità għandhom ikunu indikati għall-prodotti kollha li saret riferenza għalihom fl-Artikolu 1, l-indikazzjoni tal-prezz ta' unità tkun soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5. Il-prezz tal-unità m'għandux għalfejn ikun indikat jekk huwa identiku għall-prezz tal-bejgħ."

## II – **Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari**

10. Lidl GmbH & Co. KG (ir-rikorrenti) hija operatur tal-bejgħ bl-imnut bi stabbilimenti li joffru prezz imraħħas fil-Ġermanja kollha. F'xi wħud mill-istabbilimenti tagħha fir-reġjun ta' Lamperswalde, ir-rikorrenti toffri għall-bejgħ, fost affarijiet oħrajn, laħam tat-tjur frisk ippakkeġġjat minn qabel. Il-prezz tal-laħam tat-tjur frisk ma huwiex immarkat direttament fuq it-tikketta mwaħħla mal-prodott innifsu. Minflok, it-tikketti bil-prezz huma mwaħħlin mal-ixkafef.

11. Wara li ġiet innotata din il-prattika ta' tikkettjar tal-prezzijiet waqt diversi spezzjonijiet, dik li qabel kienet iż-Sächsiche Landesanstalt für Landwirtschaft (l-awtorità agrikola għal-Land ta' Sachsen, li issa saret, iż-Sächsische Landesamt für Umwelt, Landwirtschaft und Geologie – l-awtorità għall-ambjent, l-agrikoltura u l-ġeoloġija għal-Land ta' Sachsen), kienet tal-fehma li din il-prattika kienet tikser l-Artikolu 5(3)(b) tar-Regolament Nru 1906/90, applikabbli fi żmien l-ispezzjonijiet, li attwalment jikkorrispondi mal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008.

12. Fl-2007, ir-rikorrenti ppreżentat rikors li permezz tiegħu talbet dikjarazzjoni li l-metodu li tuża fit-tikkettjar tal-prezzijiet tal-laħam tat-tjur frisk ippakkeġġjat minn qabel huwa kompatibbli mal-obbligu tat-tikkettjar kif stipulat fl-Artikolu 5(3)(b) tar-Regolament Nru 1906/90, u sussegwentement, fl-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008. Ir-rikorrenti rrilevat li l-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008 kien invalidu għaliex imur kontra l-Artikolu 6(1) TUE moqri flimkien mal-Artikolu 15(1) tal-Karta. Fl-opinjoni tagħha, l-obbligu tat-tikkettjar jikkostitwixxi ndħil sproporzjonat mal-libertà li tiġi eżerċitata attività professjonali. Il-Verwaltungsgericht Dresden (Qorti Amministrattiva, Dresden) ċaħdet ir-rikors b'sentenza fl-2010.

13. Ir-rikorrenti ssegwi l-azzjoni tagħha b'appell quddiem il-qorti tar-rinviju, iż-Sächsisches Oberverwaltungsgericht (il-qorti amministrattiva superjuri ta' Sachsen). Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-qorti tar-rinviju tqajjem dubji dwar il-validità tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 543/2008 abbażi ta' żewġ motivi.

14. Fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju ma hijiex ċerta jekk l-indħil li jirriżulta mill-obbligu tat-tikkettjar huwiex iġġustifikat fir-rigward tal-Artikolu 15(1) u l-Artikolu 16 tal-Karta. Hija tqis li l-obbligu tat-tikkettjar ma jaffettwax is-sustanza attwali tal-libertajiet u d-drittijiet inkwistjoni; li ġenwinament jilħaq l-għan li jsaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur, interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni; u li jidher li huwa xieraq u neċessarju għall-dan l-iskop. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji dwar jekk sarx bilanċ xieraq tal-interessi involuti.

15. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tiddubita l-validità tal-obbligu tat-tikkettjar għal-laħam tat-tjur fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jinsab fl-Artikolu 40(2) TFUE. Id-deċiżjoni tar-rinviju tenfasizza li, fir-rigward ta' laħam ieħor ippakkeġġjat minn qabel bħal ċanga, vitella, laħam tal-majjal, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, li anki għalihom ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprovdi regoli li jistabbilixxu organizzazzjoni komuni tas-suq, ma jeżisti ebda obbligu ta' dak it-tip ta' tikkettjar. Għalhekk, skont il-qorti tar-rinviju, l-obbligu tat-tikkettjar impost fuq il-laħam tat-tjur frisk jirriżulta fi trattament mhux ugwali għaliex sitwazzjonijiet simili huma trattati differenti. Il-qorti tar-rinviju għandha d-dubji, b'mod partikolari, dwar jekk din id-differenza fit-trattament hijiex iġġustifikata oġġettivament fuq il-bażi tal-interess ġenerali tal-protezzjoni tal-konsumatur.

6 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 32).

16. F'dawn iċ-ċirkustanzi, iż-Sächsisches Oberverwaltungsgericht (il-qorti amministrattiva superjuri ta' Sachsen) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 543/2008 huwa kompatibbli mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-Artikoli 15(1) u 16 tal-Karta?

2. L-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 543/2008 huwa kompatibbli mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE?"

17. Osservazzjonijiet bil-miktub tressqu minn Lidl GmbH & Co. KG, mill-Freistaat Sachsen (Land ta' Sachsen, il-konvenut fil-kawża prinċipali) u mill-Kummissjoni, li lkoll ippreżentaw sottomissjonijiet orali fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016.

## III – **L-evalwazzjoni tad-domandi magħmula**

### A – *L-ewwel domanda: il-kompatibbiltà tal-obbligu tat-tikkettjar mal-Artikolu 15(1) u mal-Artikolu 16 tal-Karta*

18. Sabiex nipproponi risposta għall-ewwel domanda preliminari, l-ewwel ser nidentifika d-dispożizzjoni rilevanti tal-Karta li abbażi tagħha għandha tiġi evalwata l-validità tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008 (taqsima 1). Wara, ser nagħmel l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-obbligu tat-tikkettjar mad-dispożizzjoni speċifika tal-Karta (taqsima 2), billi neżamina jekk din il-limitazzjoni hijiex prevista mil-liġi u jekk tirrispettax il-qofol ta' dan id-dritt (subtaqsima (a)), u jekk tikkonformax mal-prinċipju tal-proporzjonalità (subtaqsima (b)).

#### 1. Id-dispożizzjoni applikabbli: l-Artikolu 15(1) jew l-Artikolu 16 tal-Karta?

19. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-validità tal-obbligu tat-tikkettjar għandha tiġi eżaminata fid-dawl kemm tal-Artikolu 15(1) kif ukoll tal-Artikolu 16 tal-Karta. Din tipprovdi li r-rikorrenti hija affettwata bl-obbligu tat-tikkettjar fir-rigward tal-libertà tagħha li teżerċita attività professjonali u l-libertà tagħha li teżerċita attività ekonomika. Bl-istess mod, ir-rikorrenti tikkunsidra wkoll li l-obbligu tat-tikkettjar jikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertajiet u d-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 15(1) u 16 tal-Karta. Il-Land ta' Sachsen irrefera wkoll għaż-żewġ dispożizzjonijiet fl-osservazzjonijiet tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tikkunsidra li f'din il-kawża, huwa biss rilevanti l-Artikolu 16 tal-Karta.

20. Hekk kif jidher ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-drittijiet u l-libertajiet stabbiliti fl-Artikolu 15(1) u fl-Artikolu 16 tal-Karta huma konnessi mill-qrib. Dan huwa evidenti ħafna mill-ġurisprudenza ta' qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Dak iż-żmien, il-Qorti tal-Ġustizzja użat formulazzjonijiet differenti sabiex tirreferi, fil-kwalità tagħhom bħala prinċipji ġenerali tal-liġi, għal-libertà li wieħed jagħżel u jipprattika liberament sengħa jew professjoni; il-libertà li tiġi eżerċitata attività professjonali; id-dritt li wieħed jeżerċita sengħa jew negozju; jew il-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika[7]. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li dawn il-kunċetti jidħlu f'xulxin, billi stqarret li l-libertà tal-impriża "tikkoinċidi mal-libertà li tiġi eżerċitata attività professjonali."[8]

7 — Ara, inter alia, għal formulazzjonijiet differenti, is-sentenzi Nold vs Il-Kummissjoni (4/73, EU:C:1974:51, punt 14); Hauer (44/79, EU:C:1979:290, punt 32); Eridania (230/78, EU:C:1979:216, punt 21); Biovilac vs KEE (59/83, EU:C:1984:380, punt 21); Keller (234/85, EU:C:1986:377, punt 8); Finsider vs Il-Kummissjoni (63/84 u 147/84, EU:C:1985:358, punt 24); Rau Lebensmittelwerke *et* (133/85 sa 136/85, EU:C:1987:244, punt 19); Schräder HS Kraftfutter (265/87, EU:C:1989:303, punt 15); Zuckerfabrik Süderdithmarschen u Zuckerfabrik Soest (C-143/88 u C-92/89, EU:C:1991:65, punt 76); Kühn (C-177/90, EU:C:1992:2, punt 16); Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-280/93, EU:C:1994:367, punt 81) u Bosphorus (C-84/95, EU:C:1996:312, punt 22).

8 — Sentenza Spanja u Il-Finlandja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-184/02 u C-223/02, EU:C:2004:497, punt 51).

21. Din is-sovrapożizzjoni tibqa' evidenti fil-ġurisprudenza wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. L-Artikolu 15(1) u l-Artikolu 16 tal-Karta spiss ġew invokati u interpretati ma' xulxin, flimkien mal-Artikolu 17 tal-Karta (id-dritt għall-proprjetà)[9]. Tista' tgħid li dawn id-dispożizzjonijiet kollha jipproteġu l-interessi ekonomiċi ta' individwi.

22. Madankollu, il-fatt li llum il-Karta fiha żewġ dispożizzjonijiet separati jissuġġerixxi li għandu jkun hemm xi differenzjazzjoni bejn "id-dritt li taħdem u li twettaq xogħol magħżul jew aċċettat liberament" – Artikolu 15(1) –, u l-"libertà tal-impriża" – Artikolu 16.

23. Fuq livell strutturali, id-differenzjazzjoni bejn iż-żewġ dispożizzjonijiet ma hijiex mingħajr konsegwenza. Kif sostnew il-Kummissjoni u l-Land ta' Sachsen, l-Artikolu 16 tal-Karta jippermetti marġni ta' diskrezzjoni iktar wiesgħa fir-rigward ta' regolamenti li jistgħu jfixklu l-libertà tal-impriża. Dan jista' jidher mill-kliem f'din id-dispożizzjoni, li kuntrarjament għal libertajiet oħrajn taħt it-Titolu II tal-Karta, tirreferi għad-dritt tal-*Unjoni* u liġijiet u prattiki n*azzjonali*. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja stqarret li "l-libertà tal-impriża tista' tiġi suġġetta għal firxa wiesgħa ta' interventi min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jistabbilixxu, fl-interess ġenerali, limiti għall-eżerċizzju tal-attività ekonomika"[10].

24. Din il-marġni ta' diskrezzjoni relattivament wiesgħa mogħtija lill-Istati Membri meta jirregolaw attivitajiet ekonomiċi hija riflessa wkoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta tinterpreta l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-QEDB irrikonoxxiet li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa "biex jikkontrollaw l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali [...]"[11].

25. Għalhekk, ma hemm ebda dubju li fis-sens ta' limitazzjonijiet permissibbli, l-Artikolu 16 tal-Karta jagħti lok għal grad ikbar ta' ndħil mill-Istat Membru milli l-Artikolu 15(1). Minkejja l-fatt li hemm differenzjazzjoni ċara fir-rigward ta' limitazzjonijiet potenzjali li jistgħu jiġu imposti fuq kull libertà rispettiva, dan ma tantx jixħet dawl fuq id-definizzjoni *inizjali* tal-portata tad-dritt innifsu. Iż-żewġ Artikoli jipproteġu l-portata tal-awtonomija individwali fl-oqsma professjonali u tan-negozju, li huma konnessi mill-qrib. It-tnejn huma intrinsikament marbutin mal-prestazzjoni ta' attività ekonomika. Għalhekk ma hemmx kriterji ċari li jistgħu jiġu mfassla, fl-astratt, sabiex jiddistingwu bejn il-portata taż-żewġ Artikoli, pereżempju, ibbażati fuq in-natura legali jew fiżika tal-persuni kkonċernati jew fuq in-natura indipendenti jew dipendenti tal-attivitajiet ekonomiċi inkwistjoni[12].

26. Anki fin-nuqqas ta' kriterji preċiżi li jimmarkaw il-portata tal-Artikolu 15(1) u tal-Artikolu 16 tal-Karta, tal-inqas nistgħu nsibu xi ftit linji gwida approssimattivi. Minn naħa, l-Artikolu 15(1) jiffoka fuq l-element tal-għażla u tal-awtonomija personali, li huma konnessi mill-qrib ma' drittijiet tal-personalità u l-iżvilupp tagħhom. Ir-referenza għal "xogħol" tenfasizza impatt iktar rilevanti, għalkemm mhux esklussiv, fuq persuni fiżiċi u relazzjonijiet ta' impjieg[13]. Min-naħa l-oħra, il-libertà tal-impriża skont l-Artikolu 16 għandha konnessjoni eqreb ma' attività imprenditorjali, b'rabtiet iktar

9 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Deutsches Weintor (C-544/10, EU:C:2012:526, punti 44 *et seq.*); Interseroh Scrap and Metals Trading (C-1/11, EU:C:2012:194, punt 43) u Pfleger *et* (C-390/12, EU:C:2014:281, punt 57 *et seq.*).

10 — Sentenza Sky Österreich (C-283/11, EU:C:2013:28, punt 46) u s-sentenza Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft (C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 123).

11 — Ara s-sentenzi tat-23 ta' Settembru 1982, Sporrong u Lönnroth Serje A Nru. 52, para. 61; tal-24 ta' Ottubru 1986, AGOSI vs Ir-Renju Unit, Serje A Nru. 108, p. 18, para. 52; tal-25 ta' Ottubru 1989 Allan Jacobsson vs L-Isvezja (Nru. 1) App. Nru. 10842/84 A163, para 55 u tal-20 ta' Awwissu 2007 J.A. Pye (Oxford) LTD u J.A. Pye (Oxford) Land LTD vs Ir-Renju Unit, Rikors Nru 44302/02 2007-III, para 55. Ara wkoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża Pinnacle Meat Processors Company *et* vs Ir-Renju Unit, Rikors Nru 33298/96, 21 ta' Ottubru 1998.

12 — Tabilħaqq, kif stqarr l-Avukat Ġenerali Wahl fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Gullotta u Farmacia di Gullotta Davide & C. (C-497/12, EU:C:2015:168, punt 69), l-impriżi jgawdu d-dritt tal-Artikolu 15 tal-Karta.

13 — Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Schaible (C-101/12, EU:C:2013:334, punt 24).

b'saħħithom mad-dritt tal-proprjetà.[14] B'hekk, il-portata materjali tal-Artikolu 16 tal-Karta, kif iddefinita b'mod progressiv fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija ċċentrata iktar fuq l-aspett ekonomiku ta' attività imprenditorjali. Hija tkopri t-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi jew kummerċjali, inkluż il-libertà ta' kuntratt, kompetizzjoni ħielsa, il-libertà li tagħżel ma' min tinnegozja u l-libertà li tiddetermina l-prezz ta' servizz[15]. Barra minn hekk, il-libertà tal-impriża tinkludi wkoll id-dritt li tuża b'mod liberu riżorsi disponibbli ta' natura ekonomika, finanzjarja, u teknika[16].

27. Fil-qosor, l-Artikolu 15(1) tal-Karta huwa iktar kapaċi li jkun applikabbli jekk is-sitwazzjoni attwali tikkonċerna persuni fiżiċi u kwistjonijiet bħal aċċess għax-xogħol u l-għażla tal-professjoni. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 16 tal-Karta huwa iktar rilevanti għal persuni ġuridiċi u l-mod kif negozju diġà stabbilit, jew professjoni diġà magħżula, qiegħed jitwettaq u rregolat[17].

28. Madankollu, linji gwida approssimattivi li jimmarkaw il-parametri rispettivi tal-Artikolu 15(1) u l-Artikolu 16 ma jeskludux sovrapożizzjonijiet kontinwi jew il-potenzjal ta' kunsiderazzjoni flimkien tal-Artikoli 15 u 16 tal-Karta f'kawża proprja. Eżempji ta' meta kunsiderazzjoni konġunta tista' tkun xierqa huma regoli li jirrestrinġu l-aċċess għal xi professjoni permezz ta' liċenzjar jew rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni, jew meta jiġu imposti rekwiżiti tqal fuq negozji.

29. Fil-kawża preżenti, Lidl GmbH & Co. KG tirrileva li r-rekwiżiti relatati mat-tikkettjar tal-prodotti tagħha jtellfu l-mod li biha tixtieq twettaq l-attivitajiet kummerċjali tagħha. L-obbligu tat-tikkettjar b'ebda mod ma jillimita d-dritt tar-rikorrenti li tagħżel jew teżerċita attività professjonali b'mod liberu. Dan sempliċement għandu x'jaqsam mal-mod li bih impriża tista' twettaq linja ta' negozju (diġà magħżula).

30. Għaldaqstant, fuq l-applikazzjoni tal-linji gwida ġenerali msemmija iktar 'il fuq, jien tal-opinjoni li l-kawża għandha tiġi evalwata b'mod xieraq skont l-Artikolu 16 tal-Karta.

## 2. Il-kompatibbiltà tal-obbligu tat-tikkettjar mal-Artikolu 16 tal-Karta

31. Kif isemmu tajjeb il-Kummissjoni u l-Land ta' Sachsen, il-libertà tal-impriża ma hijiex assoluta. Għandha titqies f'relazzjoni mal-funzjoni soċjali tagħha[18]. L-Artikolu 52(1) tal-Karta jippermetti limitazzjonijiet fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u għal-libertajiet irrikonoxxuti mill-Karta sakemm dawn ikunu previsti mil-liġi, josservaw il-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali jew libertà inkwistjoni u jekk, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ikunu "meħtieġa u effettivament jissodisfaw l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea jew il-ħtieġa ta' ħarsien tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor"[19].

32. Issa ser neżamina jekk l-obbligu tat-tikkettjar jissodisfax lil dawn ir-rekwiżiti.

### a) Il-limitazzjonijiet permissibbli fuq id-dritt li jiġi eżerċitat negozju

33. Kif ammettiet ir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, ma hemm ebda dubju li l-obbligu tat-tikkettjar *huwa previst mil-liġi*.

14 — Ara, pereżempju, is-sentenza Hauer (C-44/79, EU:C:1979:290, punt 32). Madankollu, kif stqarr l-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Alemo-Herron *et* (C-426/11, EU:C:2013:82, punt 51), minkejja din ir-rabta mill-qrib, id-dritt fundamentali għall-proprjetà u l-libertà tal-impriża jipproteġu sitwazzjonijiet legali differenti.

15 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Sky Österreich (C-283/11, EU:C:2013:28, punt 42 *et seq.*), Alemo-Herron *et* (C-426/11, EU:C:2013:521, punt 32 *et seq.*) u Schaible (C-101/12, EU:C:2013:661, punt 25).

16 — Sentenza UPC Telekabel Wien (C-314/12, EU:C:2014:192, punt 49 u 50).

17 — Ara l-metodu adottat fis-sentenzi Scarlet Extended (C-70/10, EU:C:2011:771); McDonagh (C-12/11, EU:C:2013:43); Sky Österreich (C-283/11, EU:C:2013:28); Schaible (C-101/12, EU:C:2013:661) jew Neptune Distribution (C-157/14, EU:C:2015:823).

18 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Sky Österreich (C-283/11, EU:C:2013:28, punt 45) u Deutsches Weintor (C-544/10, EU:C:2012:526, punt 54).

19 — Ara, pereżempju, is-sentenza Volker und Markus Schecke u Eifert (C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662, punt 65).

34. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà sostniet li filwaqt li r-regoli tal-Unjoni dwar it-tikkettjar ipoġġu ċerti restrizzjonijiet, fi ħdan sfera definita b'mod ċar, fuq l-attivitajiet tan-negozju tal-kummerċjanti kkonċernati, "huma bl-ebda mod ma jaffettwaw is-sustanza attwali tal-libertà li teżerċita dik l-attività"[20]. Is-sitwazzjoni f'din il-kawża ma hijiex differenti. Għalhekk, naqbel mal-Kummissjoni u mal-Land ta' Sachsen li l-obbligu tat-tikkettjar ma jaffettwax l-*essenza* tal-libertà tal-impriża.

b) Proporzjonalità

35. F'dan il-punt, għad irid jiġi aċċertat jekk l-obbligu tat-tikkettjar jikkonformax mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

i) Kunsiderazzjonijiet ġenerali

36. Il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet li "l-portata tas-setgħa diskrezzjonali tal-leġiżlatur tal-Unjoni tista' tirriżulta li hija limitata skont ċertu numru ta' elementi, fosthom, b'mod partikolari, il-qasam ikkonċernat, in-natura tad-dritt inkwistjoni ggarantit mill-Karta, in-natura u l-gravità tal-inġerenza kif ukoll l-għan tagħha."[21]

37. Dan ifisser li r-rigorożità tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod partikolari l-inġerenza tal-istħarriġ tal-proporzjonalità, jistgħu jkunu differenti minn kawża għal oħra. B'mod partikolari, huma rilevanti żewġ fatturi sabiex ikun iddeterminat il-metodu li għandu jintuża f'din il-kawża: l-aspett sostantiv tad-dritt tal-UE kkonċernat u n-natura tad-drittijiet inkwistjoni.

38. Fir-rigward tal-aspett ikkonċernat, b'mod konsistenti l-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li, fil-qasam tal-agrikoltura, il-leġiżlatur tal-UE jgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa, u din tikkorrispondi mar-responsabbiltajiet politiċi li jingħatawlu mill-Artikoli 40 TFUE sa 43 TFUE[22]. Bħala konsegwenza ta' dan, l-istħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja jillimita ruħu għall-verifika jekk il-leġiżlatur *manifestament* ma eċċediex il-limiti ta' din id-diskrezzjoni wiesgħa[23].

39. Id-diskrezzjoni wiesgħa li tgawdi l-Kummissjoni hija kkonfermata wkoll f'din il-kawża min-natura tad-dritt inkwistjoni. Kif stqarret il-Qorti tal-Ġustizzja, il-libertà tal-impriża "tista' tkun suġġetta għal firxa wiesgħa ta' interventi mill-amministrazzjoni pubblika li jistgħu jistabbilixxu, fl-interess ġenerali, limiti għall-eżerċizzju tal-attività ekonomika."[24]

40. B'mod ġenerali, il-proporzjonalità hija l-eżami tal-konnessjoni bejn il-mira(i) msemmija u l-mezz(i) magħżula. Sabiex tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-miżuri adottati għandhom ikunu *xierqa* sabiex jilħqu l-għanijiet leġittimi mixtiqin; ma għandhomx jeċċedu dak li huwa *neċessarju* sabiex jinkisbu (fejn hemm diversi alternattivi regolatorji, għandu jintgħażel ir-rimedju l-inqas oneruża); u li l-iżvantaġġi kkaġunati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (*bilanċ intern*, jew *proporzjonalità stricto sensu*).[25]

20 — Sentenzi Keller (C-234/85, EU:C:1986:377, punt 9). Ara wkoll is-sentenzi Deutsches Weintor (C-544/10, EU:C:2012:526, punti 57 u 58) u Neptune Distribution (C-157/14, EU:C:2015:823, punt 71).

21 — Sentenza Digital Rights Ireland (C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238, punt 47).

22 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Fédesa *et* (C-331/88, EU:C:1990:391, punt 14); Schräder HS Kraftfutter (C-265/87, EU:C:1989:303, punt 22) jew Spanja vs Il-Kunsill (C-310/04, EU:C:2006:521, punt 96 *et seq.*).

23 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Schaible (C-101/12, EU:C:2013:661, punt 48) u s-sentenza AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153, punt 80).

24 — Ara, *inter alia*, is-sentenza Schaible (C-101/12, EU:C:2013:661, punt 28).

25 — Ara, *inter alia* is-sentenza Jippes *et* (C-189/01, EU:C:2001:420, punt 81); Agrana Zucker (C-309/10, EU:C:2011:531, punt 42); Schaible (C-101/12, EU:C:2013:661, punt 29), jew Léger (C-528/13, EU:C:2015:288, punt 58).

41. L-analiżi tal-proporzjonalità fi tliet stadji hija, b'mod kunsiderevoli, flessibbli internament. Tista' ssir bi gradi varji ta' rigorożità, u b'hekk l-ammont ta' deferenza mogħti lil-leġiżlatur ivarja. Fl-istess ħin, madankollu, il-proporzjonalità għandha tinkludi t-tliet stadji kollha. Il-fatt li ġiet adottata miżura f'aspett li fih il-Kummissjoni tgawdi diskrezzjoni wiesgħa, bħalma huwa l-każ fil-qasam tal-agrikoltura, fl-opinjoni tiegħi ma jfissirx li l-istħarriġ tal-proporzjonalità mill-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkun limitat sal-livell ta' adegwatezza. Pjuttost jirrikjedi ammont ikbar ta' deferenza *fi ħdan* l-istess test. It-test imbagħad jillimita ruħu sabiex isib *difetti manifesti*[26]. Iżda jinvolvi eżami xieraq ta' kull wieħed mit-tliet stadji.

42. Għaldaqstant, bi qbil totali ma' argument li diġà ġie esplorat sew minn Avukati Ġenerali oħrajn[27], l-istandard "manifestament mhux xieraq" jestendi fuq it-tliet stadji kollha tal-analiżi tal-proporzjonalità. Kif poġġitha dan l-aħħar l-Avukat Ġenerali Kokott[28], f'dawn il-każijiet, stħarriġ ġudizzjarju huwa limitat sabiex jiġi aċċertat jekk il-miżura hijiex *manifestament* mhux xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija; jekk tmurx *manifestament* lil hinn minn dak li huwa neċessarju għall-kisba ta' dawn l-għanijiet; jew jekk twassalx għal żvantaġġi li huma *manifestament* sproporzjonati fir-rigward ta' dawn l-għanijiet.

43. Barra minn hekk, hemm żewġ argumenti kostituzzjonali iktar wiesgħa li jsostnu l-bżonn ta' stħarriġ iktar bir-reqqa tal-miżuri tal-istituzzjonijiet tal-UE, li timplika stħarriġ sħiħ tal-proporzjonalità bi tliet stadji. L-ewwel nett, it-Trattat ta' Lisbona għolla l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għal-livell ta' liġi primarja effettiva. Permezz ta' dan, inġieb 'il quddiem l-istħarriġ tad-drittijiet fundamentali tal-atti tal-UE.

44. It-tieni nett, fin-nuqqas ta' stħarriġ estern[29], il-mandat għall-istħarriġ tal-kompatibbiltà tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-UE mad-drittijiet fundamentali jaqa' esklużivament f'idejn il-Qorti tal-Ġustizzja. Fit-twettiq ta' dak il-mandat, il-livell għoli ta' ħarsien intiż mill-Karta jinkludi l-ħtieġa li jitwettaq stħarriġ intern sħiħ u effiċjenti tad-dritt tal-UE u tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-UE.

45. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, issa ser nikkunsidra jekk l-obbligu tat-tikkettjar huwiex konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità li fih tliet stadji.

ii) Proporzjonalità applikata f'din il-kawża

46. Il-Kummissjoni u l-Land ta' Sachsen isostnu li l-obbligu tat-tikkettjar huwa xieraq u proporzjonat fir-rigward tal-għan leġittimu tal-protezzjoni tal-konsumatur.

47. Il-protezzjoni tal-konsumaturi hija, tabilħaqq, għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni, partikolarment fl-Artikolu 114(3) TFUE, fl-Artikolu 169 TFUE u fl-Artikolu 38 tal-Karta. Madankollu, ma huwiex, bħal fil-każ ta' għadd ta' għanijiet u valuri oħrajn, wieħed assolut. Il-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ xieraq bejn il-protezzjoni tal-konsumaturi u valuri oħrajn, inkluż il-libertà tal-impriża, spiss ġie rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja[30].

26 — Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża ABNA *et* (C-453/03, EU:C:2005:202, punt 57).

27 — Ara, *inter alia*, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża S.P.C.M. *et* (C-558/07, EU:C:2009:142, punt 74 *et seq.*) u Association Kokopelli (C-59/11, EU:C:2012:28, punt 61), u tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Schaible (C-101/12, EU:C:2013:334, punt 40).

28 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott f'Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-358/14, EU:C:2015:848, punt 89); Pillbox 38 (C-477/14, EU:C:2015:854 punt 58) u Philip Morris Brands *et* (C-547/14, EU:C:2015:853, punt 150). F'dan ir-rigward, ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-kawża Chabo (C-213/09, EU:C:2010:372, punt 80 *et seq.*).

29 — Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet 2/13 (EU:C:2014:2454).

30 — Ara, pereżempju is-sentenzi McDonagh (C-12/11, EU:C:2013:43, punt 63) u Neptune Distribution (C-157/14, EU:C:2015:823, punt 74).

48. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni rreferiet għall-premessa 10 tar-Regolament Nru 543/2008. Dik il-premessa tipprovdi għall-ħtieġa li jiġi żgurat li r-regoli tat-tqegħid fis-suq tat-tjur jieħdu inkunsiderazzjoni “sa fejn dan huwa prattiku” id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE [31]. bl-għan li dan jipprovdi lill-konsumaturi “b’informazzjoni suffiċjenti, ċara u oġġettiva dwar dawk il-prodotti maħruġa għall-bejgħ [...]”. Għalhekk, naqbel li, anki jekk ma hijiex konnessa b’mod dirett mal-obbligu tat-tikkettjar inkwistjoni f’din il-kawża, din il-premessa u oħrajn jindikaw li l-għan li tingħata informazzjoni aħjar lill-konsumaturi huwa rrikonoxxut b’mod espliċitu fir-Regolament Nru 543/2008 [32].

49. Madankollu, ir-rikorrenti ssostni li fil-prattika, l-obbligu tat-tikkettjar ma jippromwovix l-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur. Hija ssostni li dan jagħmilha iktar diffiċli li jkun hemm aġġustamenti spontanji fil-prezzijiet, u għalhekk jillimita l-possibbiltà ta’ kompetizzjoni fil-prezzijiet f’perijodu qasir ta’ żmien, u li fl-aħħar mill-aħħar dan jista’ ma jkunx fl-aħjar interess tal-konsumaturi.

50. Għalkemm l-argumenti tar-rikorrenti jistgħu jkunu rilevanti fl-evalwazzjoni tal-konformità tal-obbligu tat-tikkettjar mal-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni, ftit jista’ jkun hemm dubju li l-fatt li tiġi mogħtija informazzjoni dwar il-prezzijiet permezz ta’ tikkettjar tippromwovi l-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur. L-obbligu ta’ tikkettjar jirrikjedi indikazzjoni tal-prezz skont l-unità tal-piż u l-prezz totali fuq l-ippakkeġġjar minn qabel jew fuq tikketta mwaħħla miegħu. B’hekk iżżid l-informazzjoni disponibbli għall-konsumaturi billi tagħti indikazzjoni eżatta u ċara tal-prezz, sabiex tippermettilhom jieħdu deċiżjonijiet informati. Minn din il-perspettiva, l-obbligu tat-tikkettjar ċertament ma huwiex manifestament mhux xieraq sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu li tingħata informazzjoni aħjar lill-konsumaturi.

51. Fir-rigward tal-element ta’ ħtieġa, hekk kif diġà jidher ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tikkettjar huwa ġeneralment meqjus bħala wieħed mill-inqas forom invażivi ta’ intervent regolatorju [33].

52. Madankollu, ir-rikorrenti ssostni li l-prattika li jitwaħħlu t-tikketti tal-prezzijiet fuq l-ixkafef tikkostitwixxi għażla regolatorja inqas oneruża li hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur. Skont ir-rikorrenti, l-obbligu ġenerali li jirriżulta mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/6, li jirrikjedi indikazzjoni tal-prezz tal-bejgħ u tal-prezz ta’ kull unità (mingħajr ma jispeċifika fejn), diġà jilħaq l-għan li tiġi pprovduta informazzjoni suffiċjenti għall-konsumaturi.

53. Fil-fehma tiegħi, anki jekk il-prattika tar-rikorrenti tista’ titqies bħala xierqa għal kif tingħata informazzjoni dwar il-prezz, xorta *ma hijiex* effettiva daqs l-obbligu tat-tikkettjar. Jistgħu jiġu kkunsidrati sensiela ta’ sitwazzjonijiet li fihom l-indikazzjoni tal-prezz skont l-unità tal-piż u l-prezz totali fuq tikketta direttament imwaħħla mal-ippakkeġġjar minn qabel hija mod iktar effiċjenti kif tinforma lill-konsumatur.

54. L-ewwel nett, l-obbligu tat-tikkettjar jaċċerta d-disponibbiltà kontinwa tal-informazzjoni tal-prezz matul il-proċess kollu ta’ xiri. Dan jippermetti tqabbil tal-prezz anki wara li l-prodott ikun tneħħa minn fuq l-ixkaffa. Dan jipproteġi wkoll lill-konsumaturi f’każ ta’ spustjar tal-prodotti.

55. It-tieni nett, l-indikazzjoni tal-prezz totali u tal-prezz skont l-unità tal-piż hija saħansitra iktar rilevanti meta tikkonċerna prodotti ppakkjati minn qabel li għandhom piż mhux standardizzat. F’dan il-kuntest, l-obbligu tat-tikkettjar ċertament li jikkontribwixxi għall-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur. Dan jiggarantixxi l-eżattezza tal-informazzjoni dwar il-prezz u jiżgura li l-konsumatur ikun jista’ jieħu deċiżjoni informata.

31 — Direttiva tal-Kunsill (KEE) tal-20 ta’ Jannar 1976 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta’ ċerti prodotti f’imballaġġ minn qabel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 3, p. 91).

32 — Ara, b’mod partikolari, l-premessi 6, 11 u 12.

33 — Ara, pereżempju, il-qasam tal-moviment ħieles tal-prodotti, sentenza Rau Lebensmittelwerke (C-261/81, EU:C:1982:382, punt 17).

56. Huwa minnu li fejn ikunu kkonċernati prodotti ta' piżijiet mhux standardizzati, konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/6 diġà tirrikjedi indikazzjoni tal-prezz totali u tal-prezz kull unità ta' piż fuq l-ippakkeġġjar minn qabel.

57. Madankollu, kif diġà ntqal iktar 'il fuq, il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa f'dan il-qasam. Meta nikkunsidra dan, jien tal-fehma li l-Kummissjoni ma marritx manifestament lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur.

58. Finalment, għandu jiġi aċċertat jekk l-obbligu tat-tikkettjar jimponix żvantaġġi manifestament eċċessivi fuq l-operaturi suġġetti għalih.

59. Ir-rikorrenti tenfasizza l-piżijiet finanzjarji u organizzattivi li jinvolvi l-obbligu tat-tikkettjar u ssostni li ma ntlaħaqx bilanċ xieraq tal-interessi inkwistjoni.

60. Madankollu, kif jidher mill-ispjegazzjonijiet li ngħataw lill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sottomissjonijiet orali mil-Land ta' Sachsen, fil-prattika, l-obbligu tat-tikkettjar ma jinvolvix piżijiet supplimentari sinifikanti għall-produtturi f'termini ta' ħin jew spejjeż. Il-portata u d-dettall tal-informazzjoni li tidher fuq it-tikketta tista' tiġi emendata b'mod flessibbli fuq il-kompjuter fil-mument tal-produzzjoni mingħajr żieda ta' spejjeż addizzjonali.

61. Barra minn hekk, l-ispejjeż addizzjonali ta' tikkettjar mill-ġdid fil-ħanut fl-eventwalità ta' aġġustamenti ulterjuri fil-prezz jew kampanji promozzjonali huma moderati. L-ewwel nett, kif issottomettew il-Kummissjoni u l-Land ta' Sachsen waqt is-seduta, il-kwantitajiet ta' merkanzija effettwati b'dawn l-azzjonijiet huma relattivament baxxi. It-tieni nett, tikkettjar mill-ġdid fil-każ ta' modifiki fil-prezz ċertament jirriżulta f'iktar xogħol min-naħa tal-bejjiegħa bl-imnut. Madankollu, hekk kif irrimarka l-Land ta' Sachsen fis-seduta, stiker imwaħħla fuq it-tikketta oriġinali tkun konformi mar-rekwiżiti tal-obbligu tat-tikkettjar. Ma jistax jintqal li dan jinvolvi spejjeż sproporzjonati fir-rigward tal-għan li tingħata informazzjoni lill-konsumatur bil-bidla fil-prezz.

62. Għal dawn ir-raġunijiet, naħseb li l-obbligu tat-tikkettjar ma jimponix piżijiet manifestament sproporzjonati fir-rigward tal-interessi tar-rikorrenti u ma huwiex sproporzjonat sabiex jintlaħaq l-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur. Konsegwentement, dan ma jinvolvix limitazzjoni mhux permissibbli fuq il-libertà ta' impriża skont l-Artikolu 16 tal-Karta.

63. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi l-ewwel domanda preliminari kif ġej: il-kunsiderazzjoni tad-domanda magħmula ma wriet l-ebda fattur li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 fid-dawl tal-Artikolu 16 tal-Karta.

## B – *It-tieni domanda: il-kompatibbiltà tal-obbligu tat-tikkettjar mal-Artikolu 40(2) TFUE*

64. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 40(2) TFUE jiġbor fih il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-agrikoltura [34]. Dan japplika għall-operaturi ekonomiċi li huma suġġetti għal organizzazzjoni komuni tas-suq [35]. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni, li tirrikjedi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux trattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament ġustifikat [36].

34 — Ara, *inter alia*, is-sentenza Agrargenossenschaft Neuzelle (C-545/11, EU:C:2013:169, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 — Ara, għal dan il-għan, is-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-280/93, EU:C:1994:367, punt 68).

36 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Ruckdeschel *et* (C-117/76 u C-16/77, EU:C:1977:160, punt 10); Moulins et huileries de Pont-à-Mousson u Providence agricole de la Champagne (C-124/76 u C-20/77, EU:C:1977:161, punt 22); Niemann (C-14/01, EU:C:2003:128, punt 51) jew Franz Egenberger (C-313/04, EU:C:2006:454, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65. Għandu jiġi enfasizzat mill-bidu nett li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari ma tippreġudikax l-analiżi tal-kompatibbiltà tal-obbligu tat-tikkettjar bil-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. L-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-obbligu tat-tikkettjar mal-libertà tal-impriża, stabbilit fl-Artikolu 16 tal-Karta, hija tip ta' reviżjoni "*vertikali*": l-għan iddikjarat tal-protezzjoni tal-konsumatur huwa eżaminat kontra l-mezzi tal-obbligi tat-tikkettjar, iżda biss fir-rigward tal-prodott inkwistjoni, jiġifieri, laħam tat-tjur frisk. Dan l-istħarriġ isir, fil-parti l-kbira, lil hinn minn prodotti u setturi oħrajn. B'kuntrast, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni skont l-Artikolu 40(2) TFUE jirrikjedi tip ta' stħarriġ ieħor, li skont in-natura tiegħu huwa "*orizzontali*": l-obbligu tat-tikkettjar, applikabbli biss u esklużivament għal-laħam tat-tjur frisk, jammonta għal trattament differenti ta' sitwazzjonijiet paragunabbli? Jekk iva, jista' tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat?

## 1. Il-paragunabbiltà

66. Il-kwistjoni preliminari hija l-paragunabbiltà: liema produtturi, konsumaturi, u permezz tagħhom, prodotti jista' jintqal li huma fl-istess sitwazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 40(2) TFUE? Hemm opinjonijiet diverġenti.

67. Minn naħa, il-qorti tar-rinviju u r-rikorrenti adottaw perspettiva wiesgħa tal-paragunabbiltà. Huma jissuġġerixxu li l-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008 jwassal għal differenza fit-trattament fir-rigward tipi oħrajn ta' laħam li ma huwiex affettwat bl-istess obbligu, bħal pereżempju l-majjal, iċ-ċanga, il-ħaruf, jew il-laħam tal-mogħoż. Huma jissuġġerixxu li dawn it-tipi kollha ta' laħam frisk huma paragunabbli għall-finijiet ta' tikkettjar.

68. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tadotta perspettiva iktar restrittiva tal-paragunabbiltà u ssostni li l-laħam tat-tjur frisk ma huwiex fl-istess sitwazzjoni ta' prodotti oħrajn tal-laħam. L-argument ewlieni mressaq mill-Kummissjoni sabiex issostni din il-pożizzjoni huwa wieħed storiku: din tibbaża ruħha fuq rapport dettaljat dwar l-evoluzzjoni tal-oqfsa regolatorji differenti li għalihom ġew issuġġettati s-setturi differenti tal-laħam. Il-Kummissjoni tissottometti li l-leġiżlatur tal-UE kien inqas intervenzjonist fis-settur tal-laħam tat-tjur frisk meta mqabbel ma' setturi oħrajn tal-laħam. Fost il-ftit miżuri adottati mill-Unjoni sabiex tappoġġja s-settur tal-laħam tat-tjur huma l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, bħall-obbligu tat-tikkettjar. Il-Kummissjoni ssostni li dan l-obbligu, billi jipproteġi lill-konsumaturi, jinkoraġġixxi l-bejgħ u għalhekk, jippromwovi l-għan li jittejjeb id-dħul tar-raħħala.

69. Nara numru ta' problemi bis-suġġerimenti tal-Kummissjoni. Fuq kollox, il-kwistjoni tal-paragunabbiltà hija fin-natura tagħha evalwazzjoni *oġġettiva*. Din teżamina jekk, fil-konfront ta' kwalità partikolari (jiġifieri, *tertium comparationis*, li tista' tkun valur, għan, azzjoni eċċ), l-elementi ta' paragun (persuni, prodotti, eċċ) jurux iktar similaritajiet jew iktar differenzi. Ċertament, meta ssir evalwazzjoni bħal din, għażliet regolatorji *suġġettivi* passati jkunu rilevanti, b'mod partikolari fid-definizzjoni ta' *tertium comparationis* [37]. Madankollu, ma humiex neċessarjament konklużivi.

37 — Tabilħaqq, paragunabbiltà "b'mod partikolari għandha tiġi evalwata fid-dawl tas-suġġett inkwistjoni u l-għan tal-att tal-Komunità li joħloq id-distinzjoni inkwistjoni" (ara s-sentenza Arcelor Atlantique et Lorraine *et* (C-127/07, EU:C:2008:728, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għall-partikolaritajiet tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn setturi differenti fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni, ara: R. Barents, "The Significance of the Non-Discrimination Principle for the Common Agricultural Policy: Between Competition and Intervention", Mélanges H. G. Schermers, Vol. 2, Martinus Nijhoff Publishers 1994, p. 527, b'mod partikolari p. 538.

70. Madankollu, id-domandi kemm xejn kumplessi tal-paragunabbiltà fost setturi agrikoli differenti ma għandhomx għalfejn jiġu indirizzati hawn għal raġuni sempliċi: anki jekk wieħed kellu jaċċetta l-argumenti tal-Kummissjoni dwar in-non-paragunabbiltà ta' prodotti tal-laħam li jappartjeni għal setturi differenti, jibqa' l-fatt li l-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008 jissuġġetta biss prodott wieħed għall-obbligu tat-tikkettjar, jiġifieri, il-laħam tat-tjur frisk. Kif tirrileva r-rikorrenti, prodotti oħrajn tal-laħam tat-tjur li għalihom japplika wkoll ir-Regolament Nru 543/2008, bħal-laħam tat-tjur iffriżat jew iffriżat b'ħeffa [38], ma humiex issuġġettati għall-obbligu tat-tikkettjar [39].

71. B'hekk, anki jekk wieħed jaċċetta l-perspettiva restrittiva tal-paragunabbiltà mressqa mill-Kummissjoni limitata għal-laħam tat-tjur biss, xorta hemm differenza fit-trattament *fi ħdan* is-settur tal-laħam tat-tjur fih innifsu.

2. Ġustifikazzjoni oġġettiva

72. Ladarba d-differenza bejn it-trattament diġà ġiet stabbilita, issa ser neżamina jekk din id-differenza fit-trattament tistax tkun oġġettivament iġġustifikata.

73. Il-Kummissjoni invokat id-diskrezzjoni tagħha fir-rigward tal-ksib tal-għanijiet tal-politika agrikola komuni. Tabilħaqq, bħalma diġà ġie nnotat iktar 'il fuq fil-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti rrikonoxxiet il-grad wiesa' ta' diskrezzjoni li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-agrikoltura. Bħala konsegwenza, meta teżamina l-allegat ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-agrikoltura, il-Qorti tal-Ġustizzja tillimita l-istħarriġ tagħha għall-verifikazzjoni li l-miżura inkwistjoni ma hijiex ivvizzjata minn xi żball manifest jew użu ħażin ta' poteri, u li l-istituzzjoni kkonċernata ma qabżitx manifestament il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha [40].

74. B'dan stabbilit, differenza fit-trattament f'dan il-qasam, sabiex ma tkunx diskriminatorja, xorta għandha ssib ġustifikazzjoni *f'raġunijiet oġġettivi* li ma humiex *manifestament mhux xierqa* [41]. B'mod partikolari, huwa x-xogħol tal-istituzzjoni li tkun ħarġet bil-miżura inkwistjoni li għandha turi li jeżistu dawn il-kriterji oġġettivi u li tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-informazzjoni adattata sabiex tevalwa dawk il-kriterji [42].

75. Minkejja d-domandi ripetuti magħmula lill-Kummissjoni matul is-seduta, il-fatt jibqa' li għad hemm nuqqas evidenti ta' ċarezza fir-rigward tar-raġunijiet oġġettivi li jistgħu jiġġustifikaw l-introduzzjoni ta' obbligu ta' tikkettjar limitat biss għal-laħam tat-tjur frisk, iżda li ma japplikax għal tipi oħrajn ta' laħam tat-tjur. Tressqu żewġ raġunijiet oġġettivi potenzjali mill-Kummissjoni: l-ewwel, il-protezzjoni tal-konsumatur u, it-tieni, protezzjoni msaħħa tal-konsumatur bħala għan intermedju sabiex jintlaħaq l-għan li jżid id-dħul tar-raħħala.

76. Insibha diffiċli li naċċetta dawn l-argumenti bħala ġustifikazzjonijiet validi għat-trattament inugwali inkwistjoni.

38 — Skont il-punt III (2) tal-Parti B tal-Anness XIV għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-laħam tat-tjur u l-preparazzjoni tal-laħam tat-tjur jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fi tliet kundizzjonijiet: frisk, iffriżat, jew iffriżat b'ħeffa. Din id-dispożizzjoni issa hija inkluża fil-punt III tal-Parti V tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

39 — Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1047/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli fir-rigward tal-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni għal-laħam tat-tjur (ĠU 2009 L 290, p. 1) estenda l-portata tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għal-laħam tat-tjur sabiex tinkludi "l-preparazzjoni tal-laħam tat-tjur" u "l-prodotti tal-laħam tat-tjur".

40 — Ara, *inter alia*, is-sentenza Agrargenossenschaft Neuzelle (C-545/11, EU:C:2013:169, punt 43) u s-sentenza AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153, punt 80).

41 — Eż, is-sentenzi Arcelor Atlantique u Lorraine *et* (C-127/07, EU:C:2008:728, punt 58) u Agrargenossenschaft Neuzelle (C-545/11, EU:C:2013:169, punt 44 *et seq.*)

42 — Ara, f'dan is-sens, pereżempju, is-sentenzi Schaible (C-101/12, EU:C:2013:661, punt 78) u Arcelor Atlantique u Lorraine *et* (C-127/07, EU:C:2008:728, punt 48, u l-ġurisprudenza ċċitata.)

77. Għalkemm obbligu ta' tikkettjar jista' jitqies *per se* bħala xieraq sabiex jinkiseb grad għoli ta' informazzjoni għall-konsumatur, l-ebda raġunijiet oġġettivi ma ġew prodotti sabiex jispjegaw għaliex dan l-obbligu għandu jiġi applikat biss għal-laħam tat-tjur frisk u mhux ukoll għal tipi oħrajn ta' laħam tat-tjur koperti bir-regolament inkwistjoni.

78. B'mod ġenerali, fil-każ ta' prodotti friski, it-tħassir ta' prodott jista' ipotetikament jiġġustifika ċerti differenzi rigward l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fit-tikketti li jitwaħħlu fl-ippakkeġġjar minn qabel ta' prodotti tal-laħam[43]. Madankollu, l-ebda karatteristiċi speċifiċi ma ġew stabbiliti sabiex jiġġustifikaw rekwiżiti differenti għat-tikkettjar fir-rigward tal-indikazzjonijiet tal-*prezz*[44]. Għall-kuntrarju: fis-seduta, ir-rikorrenti u l-Land ta' Sachsen ikkonfermaw li l-allegati karatteristiċi speċifiċi tal-laħam tat-tjur frisk li jikkonċernaw il-konservazzjoni, it-trasport, il-qtil, il-qtugħ, il-kummerċjalizzazzjoni, u d-daqs tal-laħam tat-tjur ma għandhom l-ebda impatt fuq il-produzzjoni tal-pakketti ta' piżijiet standardizzati. F'kull każ, dawk il-karatteristiċi speċifiċi, jekk jeżistu, jkunu mhux biss speċifiċi għal-laħam tat-tjur frisk biss iżda wkoll għal tipi oħrajn ta' laħam tat-tjur li ma humiex issuġġettati għall-obbligu tat-tikkettjar.

79. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrilevat li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/6 inaqqas id-differenzi bejn is-sistemi legali li japplikaw għal-laħam tat-tjur u tipi oħrajn ta' laħam, billi dik id-dispożizzjoni tinkludi, partikolarment fir-rigward tal-prodotti b'piż mhux standardizzat, l-obbligu li jiġi indikat il-prezz fuq l-ippakkeġġjar minn qabel. Il-Kummissjoni żżid li l-fatt li jeżistu tali sistemi ġenerali ma jfissirx li l-livell ta' protezzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur għandu jitnaqqas. F'dan l-argument, il-Land ta' Sachsen isostni wkoll li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma għandux iwassal għall-iktar livell baxx ta' protezzjoni, u jirreferi b'analoġija għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-qasam tar-rekwiżiti tal-annimali u tas-saħħa pubblika[45].

80. Fl-opinjoni tiegħi, dawn l-argumenti jonqsu wkoll milli jipprovdu ġustifikazzjoni valida għal trattament differenzjali.

81. L-ewwel nett, l-argument tal-Kummissjoni li d-differenza fit-trattament hija "ridotta" bl-obbligu ġenerali previst fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/6 ma huwiex rilevanti. Qabel kollox, bl-ebda mod ma tiġġustifika t-trattament differenzjali "rimanenti'" u ċertament tonqos milli tiġġustifika d-differenza fit-trattament *per se*.

82. It-tieni nett, din il-kawża għandha tkun distinta minn ABNA *et*, invokata mil-Land ta' Sachsen. F'ABNA *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kompatibbiltà tar-rekwiżit skont id-Direttiva 2002/2 mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni[46], partikolarment li produtturi tal-għalf tal-annimali kienu suġġetti għal sistema ta' informazzjoni li ma hijiex imposta fuq ikel intenzjonat li jittiekel mill-bnedmin. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja stqarret li l-fatt li miżuri ugwalment restrittivi jistgħu wkoll jiġu ġġustifikati f'oqsma oħrajn, li għadhom ma humiex irregolati, ma kienx jikkostitwixxi raġuni suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li l-miżuri inkwistjoni ma kinux legali abbażi tan-natura diskriminatorja tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet li "[j]ekk ma jkunx hekk, dan ikollu l-effett li jqiegħed il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika fuq il-livell tal-leġiżlazzjoni l-inqas protettiva eżistenti."[47]

43 — Pereżempju, kif ipprovdut fir-Regolament (UE) Nru 1169/2011, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

44 — Għaldaqstant, din il-kawża hija differenti mis-sitwazzjonijiet bħal pereżempju dik fis-sentenzi Niemann (C-14/01, EU:C:2003:128, punt 51 *et seq.*) jew *Association Kokopelli* (C-59/11, EU:C:2012:447, punt 73).

45 — Sentenza ABNA *et* (C-453/03, C-11/04, C-12/04 u C-194/04, EU:C:2005:741, punt 65).

46 — Id-Direttiva 2002/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li emendat id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE fuq iċ-ċirkulazzjoni ta' għalf kompost u li tirrevoka d-Direttiva tal-Kummissjoni 91/537/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 245).

47 — Sentenza ABNA *et* (C-453/03, C-11/04, C-12/04 u C-194/04, EU:C:2005:741, punt 65).

83. Is-sitwazzjoni f'din il-kawża hija kjarament differenti mis-sitwazzjoni fil-kawża ABNA *et*. L-ewwel nett, dik il-kawża ma kinitx tikkonċerna t-trattament differenti tal-prodotti koperti minn organizzazzjoni komuni tas-suq fil-qasam tal-politika agrikola komuni. Minflok, id-Direttiva 2002/2 kienet ibbażata fuq l-Artikolu 152(4)(b) TKE (issa, l-Artikolu 168(4)(b) TFUE) – bażi legali relatata mal-adozzjoni ta' miżuri li jaċċertaw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa umana. B'kuntrast għall-kawża ABNA *et*, l-obbligu tat-tikkettjar inkwistjoni f'din il-kawża jistabbilixxi differenza fit-trattament ta' prodotti agrikoli li jappartjenu għall-istess settur, jiġifieri, is-settur tal-laħam tat-tjur, kif definit fir-Regolament Nru 1234/2007 u r-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 543/2008. It-tieni nett, kif spjega l-Avukat Ġenerali f'dik il-kawża, ir-regoli iktar stretti dwar l-għalf tal-annimali setgħu jsibu ġustifikazzjoni oġġettiva fir-rabta iktar mill-qrib bejn is-settur tal-għalf tal-annimali u l-enċefalopatija sponġiformi u l-kriżi tad-dijossina, li magħhom ġiet konnessa l-adozzjoni tad-Direttiva 2002/2 [48].

84. It-tieni linja potenzjali ta' ġustifikazzjoni mressqa mill-Kummissjoni tirrelata mal-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur, madankollu din id-darba mhux bħala għan fih innifsu, iżda bħala valur transittiv għall-mira finali li ttejjeb id-dħul tal-bdiewa. L-argument jiżvolġi kif ġej: billi tipprovdi informazzjoni addizzjonali lill-konsumaturi, l-informazzjoni tal-prezz fuq l-ippakkeġġjar tkabbar il-fiduċja tal-konsumaturi fil-prodott. Iktar fiduċja min-naħa tal-konsumaturi ġġib magħha iktar bejgħ, u b'hekk eventwalment jiżdied id-dħul tal-bdiewa.

85. Dan l-argument ma jikkonvinċix. Huwa sens komun li tassumi li r-rikorrenti u l-bejjiegħa bl-imnut oħrajn huma wkoll interessati li jinkoraġġixxu dan l-istess bejgħ. Madankollu, kif tispjega fit-tul ir-rikorrenti, spejjeż addizzjonali marbutin mal-obbligu tat-tikkettjar jimponu piżijiet ikbar fuq bejjiegħa bl-imnut meta jagħmlu aġġustamenti fil-prezzijiet u meta jieħdu azzjonijiet promozzjonali għal-laħam tat-tjur frisk, u b'hekk jiskoraġġixxu l-bejgħ ta' dak l-istess prodott. Għalhekk, huwa diffiċli tara kif obbligu tat-tikkettjar addizzjonali jista' jikkontribwixxi għal iżjed bejgħ f'dan ir-rigward.

86. Madankollu, jekk jitwarrbu spekulazzjonijiet dwar ir-realtà soċjali u perċezzjonijiet tal-konsumatur, il-Kummissjoni xorta naqset milli tipproduċi kwalunkwe ġustifikazzjoni oġġettiva li tispjega għalfejn, anki jekk wieħed kellu jaċċetta l-assunzjoni li l-obbligu tat-tikkettjar jikkontribwixxi għal titjib fid-dħul tal-bdiewa, miżura bħal din għandha tkun limitata biss għal-laħam tat-tjur frisk u mhux applikabbli għal tipi oħrajn ta' laħam tat-tjur.

87. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, la l-ewwel u lanqas it-tieni raġuni mressqin mill-Kummissjoni ma jistgħu jipprovdu ġustifikazzjoni oġġettiva għal rekwiżiti tat-tikkettjar differenti fis-settur tal-laħam tat-tjur.

88. Finalment, il-Kummissjoni tinvoka l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-legalità ta' miżura tal-UE għandha tiġi evalwata fuq il-bażi tal-fatti u l-liġi li kien hemm fiż-żmien meta l-miżura ġiet adottata [49]. Fis-seduta orali, il-Kummissjoni ssuġġeriet li jekk tiġi mitluba tadotta regoli simili llum, dawn forsi kienu jkunu differenti B'hekk, ġie sostnut li parti mid-diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni tinkludi wkoll dimensjoni storika: il-Kummissjoni għandha titħalla tagħmel bidliet gradwalment. F'kuntest bħal dan, ma għandux ikun ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja li tidħol u tibda tinvalida tali dispożizzjonijiet.

48 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża ABNA *et* (C-453/03, EU:C:2005:202, punt 138).

49 — Ara, pereżempju, is-sentenza Agrana Zucker (C-309/10, EU:C:2011:531, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89. Tista' tingħata risposta f'żewġ partijiet għal dan l-argument: waħda konkreta u speċifika għall-każ, u l-oħra iktar wiesgħa, kostituzzjonali. Fuq il-livell konkret ta' din il-kawża, għandu jingħad li l-obbligu tat-tikkettjar, oriġinarjament mogħti fl-Artikolu 5(3)(b) tar-Regolament Nru 1906/90[50], reġa' ddaħħal fis-seħħ bir-Regolament ta' implementazzjoni inkwistjoni, adottat fl-2008. B'hekk, sa ċertu punt, il-leġiżlatur jista' jitqies li reġa' għamel l-istess għażla regolatorja tal-2008. Ma hemm ebda elementi quddiem din il-Qorti tal-Ġustizzja li jippermettu determinazzjoni li raġunijiet tekniċi jew kwalunkwe raġunijiet oġġettivi oħra preżenti dak iż-żmien ikunu tali li jiġġustifikaw id-differenza fit-trattament inkwistjoni f'din il-kawża.

90. Fuq livell iktar ġenerali, id-diskrezzjoni wiesgħa li jgawdu l-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'ċerti oqsma ma tistax tinftiehem, fl-opinjoni tiegħi, bħala "ċekk miftuħ" temporanjament illimitat, fejn għażliet regolatorji fir-rigward ta' organizzazzjoni tas-suq għandhom jitqiesu bħala permanenti u ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-applikazzjoni kurrenti tagħhom għal kuntesti tas-suq u soċjali li nbidlu kunsiderevolment. Metaforikament, leġiżlatur, bħal kuratur tal-foresti, għandu jieħu ħsieb l-istat tal-foresta leġiżlattiva. Huwa mhux biss irid jibqa' jiżra' siġar ġodda, iżda wkoll, b'intervalli regolari, irid inaqqi mill-foresta u jaqta' 'l barra z-zkuk mejta. Jekk ma jagħmilx dan, ma għandux ikun sorpriż jekk xi ħadd ieħor ikun obbligat jidħol jagħmel xogħlu.

91. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, anki jekk tiġi rrikonoxxuta l-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li għandha l-Kummissjoni u jekk jiġi applikat stħarriġ ħafif, jiena kostrett nikkonkludi li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi kwalunkwe kriterju oġġettiv li jiġġustifika d-differenza fit-trattament fejn jidħlu rekwiżiti tat-tikkettjar bejn it-tipi differenti ta' laħam tat-tjur.

92. Għalhekk, jien tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi t-tieni domanda magħmula kif ġej: L-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 huwa invalidu, inkwantu dan jintroduċi diskriminazzjoni bejn tipi differenti ta' laħam tat-tjur bi ksur tal-Artikolu 40(2) TFUE.

## IV – **Konklużjoni**

93. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula minn Sächsisches Oberverwaltungsgericht (Qorti Amministrattiva Superjuri ta' Sachsen):

(1) Il-kunsiderazzjoni tal-ewwel domanda magħmula ma wriet l-ebda fattur li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008, tas-16 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jirrigwarda l-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur, fid-dawl tal-Artikolu 16 tal-Karta.

(2) L-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 huwa invalidu, inkwantu dan jintroduċi diskriminazzjoni bejn tipi differenti ta' laħam tat-tjur bi ksur tal-Artikolu 40(2) TFUE."

50 — Għandu jiġi nnotat li l-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) fuq ċerti standards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-laħam tat-tjur (COM (89)580 finali, tat-23 ta' Novembru 1989), ikkontemplat l-obbligu tat-tikkettjar fl-Artikolu 5(3) tagħha għal "laħam tat-tjur ippakkjat bil-lest" b'mod ġenerali. L-uniċi obbligi speċifiċi fir-rigward tat-tikkettjar tal-laħam tat-tjur frisk kienu jikkonċernaw id-data ta' skadenza ta' konsum.